Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' April 2015**
**(OR. en)**

**8138/15**

**COPEN 93**
**EUROJUST 76**
**EJN 33**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Alfonso Dastis, Ambaxxatur u Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 19 ta' Marzu 2015 |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Notifiki magħmula minn Spanja fir-rigward ta' diversi Deċiżjonijiet Qafas |

Sinjur,

Skont it-talba magħmula mill-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Renju ta' Spanja, u bħala riżultat tal-adozzjoni tal-Liġi Organika 23/2014 tal-20 ta' Novembru dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Deċiżjonijiet Ġudizzjarji f'Materji Kriminali fl-Unjoni Ewropea, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Istat Nru 282 tal-21 ta' Novembru 2014, Spanja tixtieq tagħmel dawn id-dikjarazzjonijiet akkumpanjanti fir-rigward tal-atti legali li ġejjin tal-Unjoni:

*Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA, Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI, Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI, Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI, Direttiva 2011/99/UE, Deċiżjoni Kwadru 2003/577/JHA, Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI, Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI, Deċiżjoni Qafas 2008/978/ĠAI, Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI.*

(Formola ta' għeluq)

(s.) Alfonso Dastis

DIKJARAZZJONIJIET LI SER ISIRU MILL-ISTAT SPANJOL BĦALA RIŻULTAT TAL-ADOZZJONI TAL-LIĠI 23/2014 TAL-20 TA' NOVEMBRU DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' DEĊIŻJONIJIET F'MATERJI KRIMINALI FL-UNJONI EWROPEA.

**I. Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri**

– F'konformità mal-Artikolu 34(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu II tal-Liġi 23/2014.

– L-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni Kwadru jitlob li l-Istati Membri jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar l-awtorità ġudizzjarja li hi kompetenti toħroġ mandat ta' arrest Ewropew. Din id-dispożizzjoni ġiet ippromulgata bl-Artikolu 35 tal-Liġi 23/2014, li taħtar l-Imħallef jew il-Qorti li jippresiedu l-każ bħala dawk kompetenti biex joħorġu mandat ta' arrest Ewropew, dment li din it-tip ta' ordni tkun xierqa, u l-Maġistrat Inkwirenti Ċentrali tal-Qorti Suprema Nazzjonali bħala kompetenti biex jinforza l-mandat ta' arrest Ewropew. Fejn il-mandat ikun relatat ma' minorenni, l-Imħallef tal-Qorti Ċentrali tal-Minorenni jkun dak kompetenti.

– L-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni Kwadru jippermetti li tinħatar awtorità ċentrali. L-Artikolu 6(3) tal-Liġi 23/2014 jipprevedi li l-Ministeru tal-Ġustizzja jkun l-awtorità ċentrali, għalkemm iwettaq biss il-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 7(1) (inkluża l-funzjoni tal-istatistika) u mhux dawk deskritti fl-Artikolu 7(2).

– L-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni Kwadru jitlob li l-Istati Membri jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar id-deżinjazzjoni tal-awtorità responsabbli li tirċievi talbiet ta' tranżitu. Għaldaqstant, l-Artikolu 27 ta' din il-Liġi jiddeżinja lill-Ministeru tal-Ġustizzja bħala kompetenti biex jawtorizza t-tranżitu mit-territorju Spanjol ta' persuna li tkun qed tiġi ttrasferita.

**II. Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea**

– F'konformità mal-Artikolu 29(2) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu III tal-Liġi 23/2014.

– L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas jitlob li l-Istati Membri jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar l-awtorità li hija kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas. L-Artikolu 64 tal-Liġi 23/2014 jipprevedi li, f'dan il-qasam, l-Imħallfin responsabbli mill-eżekuzzjoni tas-sentenzi huma kompetenti li jgħaddu sentenzi li jimponu sentenza jew miżura ta' kustodja; fir-rigward ta' miżuri imposti f'konformità mal-Liġi Organika dwar ir-Responsabbiltà Kriminali tat-Tfal, l-Imħallfin għat-Tfal huma responsabbli. F'każ li s-sentenza li trid tiġi notifikata tkun għadha ma bdietx, l-awtorità kompetenti għandha tkun il-Qorti li qatgħet is-sentenza fil-prim'istanza. Barra minn hekk, il-Qorti Kriminali Ċentrali ser tkun kompetenti li tirrikonoxxi u tordna l-infurzar ta' sentenzi li jimponu sentenza jew miżura ta' kustodja. Fl-aħħar nett, l-Imħallfin Ċentrali responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi jkunu kompetenti li jwettqu l-infurzar tas-sentenzi msemmija hawn fuq. L-Imħallef tal-Qorti Ċentrali tal-Minorenni jkun kompetenti fir-rigward tas-sentenzi li jinvolvu d-detenzjoni sikura ta' minorenni.

– F'konformità mal-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Qafas, Spanja tinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li l-Artikolu 17 tal-Liġi 23/2014 jipprevedi li mhuwiex obbligatorju li s-sentenza li fuqha huwa bbażat iċ-ċertifikat, tasal bi traduzzjoni Spanjola, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtorità ġudizzjarja titlob it-traduzzjoni tagħha fejn tqis li din hija meħtieġa għall-infurzar tas-sentenza.

**III. Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi**

– F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu IV tal-Liġi 23/2014.

– L-Artikolu 3(1) jimponi dover fuq l-Istati Membri biex jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar liema awtoritajiet huma kompetenti biex jaġixxu skont id-Deċiżjoni Qafas. Għaldaqstant, l-Artikolu 95 tal-Liġi 23/2014 jiddeżinja lill-Imħallef jew lill-Qorti li ppresediet l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' probation bħala kompetenti biex toħroġ deċiżjoni ta' probation. Barra minn hekk, il-Qorti Kriminali Ċentrali hija l-awtorità kompetenti biex tirrikonoxxi u tordna l-infurzar ta' deċiżjoni ta' probation mibgħuta mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Fejn id-deċiżjoni ta' probation tkun relatata ma' minorenni, l-Imħallef tal-Qorti Ċentrali tal-Minorenni jkun dak kompetenti.

– L-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni Qafas jirrikjedi li l-Istati Membri jiddikjaraw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-kondizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fuq talba tal-persuna sentenzjata, jistgħu jagħtu kunsens biex Stat Membru ieħor (minbarra l-Istat Membru li fih il-persuna sentenzjata hija ordinarjament residenti) tintbagħtlu sentenza u, fejn applikabbli, deċiżjoni ta' probation. F'konformità ma' dan l-obbligu, l-Artikolu 102 tal-Liġi 23/2014 jistabbilixxi li, fejn il-persuna sentenzjata mhix legalment u ordinarjament residenti fi Spanja, il-Qorti Kriminali Ċentrali, li tirċievi t-talba għall-kunsens tagħha li d-deċiżjoni ta' probation tintbagħat lill-awtorità emittenti, tista' tagħti biss il-kunsens tagħha jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 101(2)(b). Din id-dispożizzjoni min-naħa tagħha tipprevedi li deċiżjonijiet ta' probation jistgħu jiġu rikonoxxuti biss fejn, minkejja li l-persuna sentenzjata ma tkunx legalment u ordinarjament residenti fi Spanja, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-aħwa jew il-konjuġi tagħha, jew individwu li magħha jkun qiegħed f'relazzjoni ta' natura analoga, ikunu legalment u ordinarjament residenti fi Spanja għal tal-inqas ħames snin, flimkien mal-kondizzjoni li l-persuna sentenzjata jkollha kuntratt ta' impjieg, jew kienet talbet li d-deċiżjoni ta' probation tiġi infurzata, fi Spanja.

– L-Artikolu 14(6) tad-Deċiżjoni Qafas jippermetti lill-Istati Membri li jagħtu notifika dwar il-kondizzjonijiet li għalihom jistgħu jirrifjutaw li jassumu r-responsabbiltà li jadottaw ċerti deċiżjonijiet sussegwenti meta jaġixxu bħala Stat ta' eżekuzzjoni. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 106(1) tal-Liġi 23/2014, Spanja tiddikjara li l-awtorità emittenti, aktar milli l-Qorti Spanjola responsabbli għall-infurzar, għandha tkun kompetenti biex tagħmel deċiżjonijiet ulterjuri fir-rigward tat-tliet xenarji mniżżla fl-Artikolu 14(3) tad-Deċiżjoni Qafas.

**IV. Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja**

– F'konformità mal-Artikolu 27(2) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu V tal-Liġi 23/2014.

– F'konformità mal-obbligu li tingħata notifika dwar l-awtoritajiet kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas, prevista fl-Artikolu 6(1) tagħha, nixtiequ ngħarrfuk li, abbażi tal-Artikolu 111 tal-Liġi 23/2014, l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu deċiżjoni dwar miżuri alternattivi għad-detenzjoni proviżorja, huma l-Imħallfin jew il-Qrati li ħarġu d-deċiżjoni li tingħata garanzija lill-persuna kkonċernata matul proċedimenti kriminali. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet li huma kompetenti biex jirrikonoxxu u jinfurzaw deċiżjoni dwar miżuri alternattivi għad-detenzjoni proviżorja huma l-maġistrati inkwirenti jew l-Imħallfin għal Vjolenza Kontra n-Nisa tal-post fejn il-persuna kkonċernata għandha r-residenza stabbilita tagħha, skont it-tip ta' reat li għalihom dawk l-awtoritajiet ikollhom ġurisdizzjoni. Skont l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni Qafas u f'konformità mal-Artikolu 6(3) tal-Liġi 23/2014, il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali għall-finijiet tal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

– L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Qafas jobbliga lill-Istati Membri biex jinnotifikaw dwar miżuri ta' superviżjoni addizzjonali li huma lesti jissorveljaw. Nixtiequ ninformawk li, f'konformità mal-Artikolu 110 tal-Liġi 23/2014, aħna lesti nassumu l-obbligi ta' superviżjoni addizzjonali li ġejjin:

(a) Skwalifika minn involviment f'ċerti professjonijiet jew attivitajiet speċifikati marbuta mar-reat allegatament imwettaq.

(b) Obbligu li ma jinstaqux vetturi bil-mutur.

(c) Obbligu li tiġi ddepożitata somma ta' flus jew li tingħata garanzija ta' tip ieħor, permezz ta' pagamenti jew fi ħlas ta' darba.

(d) Obbligu li jsir trattament għad-drogi jew trattament għal xi vizzju.

(e) Projbizzjoni dwar is-sjieda u l-ġarr ta' armi jew oġġetti oħra speċifiċi relatati mar-reat li qed issir prosekuzzjoni dwaru.

– L-Artikolu 9(4) tad-Deċiżjoni Qafas jirrikjedi li l-Istati Membri jiddikjaraw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-kondizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jistgħu, meta mitluba mill-persuna kkonċernata, jagħtu kunsens biex Stat Membru ieħor (minbarra l-Istat Membru li fih il-persuna hija ordinarjament residenti) jintbagħtulu sentenzi dwar il-miżuri ta' superviżjoni.

– Skont dan ir-rekwiżit, l-Artikolu 112 tal-Liġi 23/2014 jipprevedi li l-Imħallef jew il-Qorti tibgħat id-deċiżjoni dwar miżuri alternattivi għal detenzjoni proviżorja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih isseħħ waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) Il-persuna kkonċernata hija legalment u abitwalment residenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni u taqbel li tirritorna f'dak l-Istat.

(b) Il-persuna kkonċernata titlob li tmur fi Stat differenti minn dak li fih hu jew hi normalment residenti, u l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat taqbel mat-talba.

– Permezz tal-Artikolu 21(3) tad-Deċiżjoni Qafas, Spanja b'hekk tinnotifika li ser tapplika l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.

## V. Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni

– F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 (1) u (2) tad-Direttiva, qegħdin b'dan ninformawkom li din id-Direttiva ġiet implimentata skont it-Titolu VI tal-Liġi 23/2014.

– F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva, nixtiequ b'dan ngħarrfuk li, għall-finijiet tad-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu u jibagħtu ordni Ewropea ta' protezzjoni huma l-Imħallfin jew il-Qrati li jippresiedu fuq il-proċedimenti kriminali li fihom inħarġet id-deċiżjoni li tadotta l-miżura ta' protezzjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti li jirrikonoxxu u jeżegwixxu l-ordni Ewropea ta' protezzjoni huma l-Maġistrati Inkwirenti jew l-Imħallfin għal Vjolenza Kontra n-Nisa għall-post fejn il-vittma tkun residenti jew li fih beħsiebha tkun residenti, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4. Madankollu, fejn ikunu nħarġu deċiżjonijiet dwar probation jew miżuri alternattivi għal detenzjoni proviżorja, l-istess Imħallef jew Qorti li tkun diġà rrikonoxxiet u eżegwiet dawk id-deċiżjonijiet tkun kompetenti biex tirrikonoxxi u teżegwixxi l-ordni Ewropea ta' protezzjoni.

– Skont l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva u f'konformità mal-Artikolu 6(3) tal-Liġi 23/2014, il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali għall-finijiet tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva.

## VI. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza

– F'konformità mal-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu VII tal-Liġi 23/2014.

## VII. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska

– F'konformità mal-Artikolu 22(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu VIII tal-Liġi 23/2014.

– L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Kwadru jitlob li l-Istati Membri jinformaw lis-SĠK dwar l-awtorità li hija kompetenti għall-finijiet tad-Deċiżjoni Kwadru. Skont l-Artikolu 158 tal-Liġi 23/2014, l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' ordni ta' konfiska huma l-Qrati Kriminali jew l-Imħallfin li jippresiedu fuq l-infurzar ta' sentenzi fejn il-konfiska ta' proprjetà tiġi imposta bħala konsegwenza addizzjonali. L-awtorità kompetenti biex tirrikonoxxi u teżegwixxi l-ordni ta' konfiska hija l-Qorti Kriminali għall-post fejn tinsab il-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata. Jekk il-post tal-proprjetà jinbidel, dan ma jirriżultax fit-telf ta' ġurisdizzjoni għall-Qorti Kriminali li ordnat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska mibgħuta lil Spanja. Jekk iċ-ċertifikat ikun inħareġ fir-rigward ta' diversi oġġetti ta' proprjetà li jinsabu f'distretti differenti, il-Qorti Kriminali li rċevietu l-ewwel u li fid-distrett tagħha jinsab tal-inqas wieħed minn dawn l-oġġetti ta' proprjetà, tkun dik kompetenti li tippresiedi fuq il-konfiska tal-bqija. Jekk l-awtorità emittenti ma tkunx taf fejn jinsab l-oġġett li għandu jiġi kkonfiskat iżda ċ-ċertifikat ikun jindika l-post tar-residenza jew l-uffiċċju reġistrat tal-persuna li fir-rigward tagħha tkun inħarġet id-deċiżjoni, il-Qorti Kriminali għal dak il-post tkun dik kompetenti, anki jekk wara jinsab li l-proprjetà tinsab f'distrett differenti jew li l-persuna tkun iċċaqilqet. Jekk inħareġ ċertifikat wieħed rigward diversi persuni residenti f'diversi postijiet differenti f'territorju Spanjol, il-Qorti Kriminali li rċevietu l-ewwel u li fid-distrett tagħha tkun tinsab tal-inqas waħda minn dawk ir-residenzi jew uffiċċji reġistrati, tkun dik kompetenti li tippresiedi fuq il-konfiska ordnata fir-rigward tal-bqija tal-persuni msemmija fiċ-ċertifikat.

– F'konformità mal-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni Kwadru u l-Artikolu 170(1)(b) tal-Liġi 23/2014, il-Qorti Kriminali kompetenti ser tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi ordni ta' konfiska maħruġa skont is-setgħat estiżi tal-konfiska msemmija fl-Artikolu 2(d)(iv) tad-Deċiżjoni Kwadru meta din tqis li tkun inkompatibbli mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Kostituzzjoni Spanjola.

**VIII. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji**

– F'konformità mal-Artikolu 20(5) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu IX tal-Liġi 23/2014.

– F'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, nixtiequ b'dan ngħarrfuk li, skont l-Artikolu 174 tal-Liġi 23/2014, l-awtorità kompetenti biex toħroġ deċiżjoni li teħtieġ il-ħlas ta' piena finanzjarja minn persuna fiżika jew ġuridika li għandha proprjetà jew li tirċievi dħul fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea ser tkun il-qorti kriminali kompetenti għall-eżekuzzjoni tagħha fi Spanja.

  L-awtorità kompetenti li tirrikonoxxi u teżegwixxi d-deċiżjoni li teħtieġ li titħallas piena finanzjarja hija:

  (a) Primarjament, il-Qorti Kriminali għall-post li fih il-persuna sentenzjata hija residenti jew, fil-każ ta' persuni ġuridiċi, fejn jinsab l-uffiċċju reġistrat tagħhom.

  (b) Alternattivament, il-Qorti Kriminali għall-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli tal-persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għall-piena finanzjarja.

  (c) Fl-aħħar nett, il-Qorti Kriminali għall-post fi Spanja fejn jinsab kwalunkwe sors ta' dħul ta' persuna sentenzjata.

  Jekk tinbidel xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi minħabba l-bidla ta' residenza tal-persuna sentenzjata jew uffiċċju reġistrat, il-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew bidla fis-sors ta' dħul tal-persuna sentenzjata, dan ma jirriżultax fit-telf ta' ġurisdizzjoni għall-Qorti Kriminali li ordnat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li ntbagħtet Spanja li tirrikjedi l-ħlas ta' piena finanzjarja.

F’każ li ċertifikat wieħed jirreferi għal diversi persuni u waħda minn dawk il-persuni tissodisfa wieħed mill-kriterji stabbiliti f’din it-taqsima, il-Qorti Kriminali Kompetenti tkun tista’ tassumi r-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni fir-rigward tal-persuni kollha sentenzjati, mingħajr il-ħtieġa li id-deċiżjoni waħda li tirrikjedi l-ħlas ta' piena tinqasam bejn għadd ta’ persuni.

– Skont l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru u f'konformità mal-Artikolu 6(3) tal-Liġi 23/2014, il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali responsabbli biex tassisti l-awtoritajiet ġudizzjarji.

**IX. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/978/ĠAI tat-18 ta’ Diċembru 2008 dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f’materji kriminali**

– F’konformità mal-Artikolu 23(2) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b’dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont it-Titolu X tal-Liġi 23/2014.

– F’konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru, l-Artikolu 188 tal-Liġi 23/2014 jipprevedi li fi Spanja, l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta’ mandati Ewropej għall-provi huma l-Imħallfin jew Qrati li jippresiedu fuq il-proċedimenti li jeħtieġu d-dokument, l-oġġett jew id-data li għandhom jinkisbu, kif ukoll il-Prosekuturi Pubbliċi li jwettqu l-proċedimenti ta’ investigazzjoni fejn għandu jintuża l-mandat.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa wkoll awtorità kompetenti li tirrikonoxxi u teżegwixxi mandati Ewropej għall-provi, dment li tkun tista’ tikseb l-oġġetti, id-dokumenti jew id-data mingħajr l-adozzjoni ta’ miżuri li jirrestrinġu d-drittijiet fundamentali.

Meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jqis li għandu jirrifjuta li jirrikonoxxi jew jeżegwixxi l-mandat, l-awtorità kompetenti tkun il-Maġistrat Eżaminatur għall-post fejn jinsab kwalunkwe oġġett, dokument jew data li l-mandat jipprevedi li jikseb.

Jekk il-post tal-oġġetti, dokumenti jew data jinbidel, dan ma jirriżultax fit-telf ta’ ġurisdizzjoni għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew għall-Maġistrat Eżaminatur li ordna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-mandat Ewropew għall-provi mibgħut lil Spanja.

Jekk iċ-ċertifikat ikun inħareġ fir-rigward ta' diversi oġġetti, dokumenti jew data li jinsabu f'distretti differenti, il-Prosekutur Pubbliku jew, fejn adatt, il-Maġistrat Eżaminatur li rċevieh l-ewwel u li fid-distrett tiegħu jinsab tal-inqas wieħed minn dawn l-oġġetti, dokumenti jew data jkun dak kompetenti li jippresiedi fuq l-akkwiżizzjoni tal-bqija.

– Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Kwadru u f'konformità mal-Artikolu 6(3) tal-Liġi 23/2014, il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali responsabbli li tassisti l-awtoritajiet ġudizzjarji.

– L-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Kwadru tirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni jekk ir-raġunijiet għar-rifjut li jirrikonoxxu jew jeżegwixxu l-mandat stabbilit fl-Artikolu 13(1)(f) tad-Deċiżjoni Kwadru għandhom jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali tagħhom. Għaldaqstant niddikjaraw li ż-żewġ raġunijiet ġew trasposti fil-liġi Spanjola permezz tal-Artikoli 32(3) u 198(1)(d) tal-Liġi 23/2014.

**X. Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża**

– F'konformità mal-Artikolu 8(6) tad-Deċiżjoni Qafas, qegħdin b'dan ninformawkom li dawn l-obbligi ġew implimentati skont l-Artikoli 33 u 49 tal-Liġi 23/2014.